**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 14 ta' Frar, 2018**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 881/2015**

**Joshue Agius**

**vs**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-22 ta' Settembru, 2015 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti kien ingaggat fil-Forzi Armata ta' Malta, sa mis-sena elfejn u ghaxra (2010), fi hdan liema huwa kien jokkupa l-kariga ta' gunner b'Army Number 87344;

2. Illi f'Marzu tas-sena kurrenti, waqt illi huwa, flimkien ma' xi kollegi tieghu, kienu ghaddejjin b'sezzjoni ta' tahrig ta' rutina gewwa l-Barracks ta' Hal Safi, kollega tieghu kien involut f'incident minuri fejn soffra xi griehi minhabba nar;

3. Illi dan l-ezercizzju kien qed jigi filmed, bl-intiza illi wara l-istess sezzjoni ta' tahrig, dan il-filmat jintwera lil kull min kien involut fl-istess, sabiex kulhadd jara n-nuqqasijiet tieghu, jitghallem minnhom, u b'hekk jara kif jista' jmur ahjar darba ohra, billi ma jergax jirrepetihom;

4. Illi din kienet haga li ssir solitament, u ghalhekk permessa fi hdan l-Armata;

5. Illi come di fatti, il-persuni kollha involuti f'dan it-tahrig, kienu ben konsapevoli mill-fatt illi dan it-tahrig kien qed jigi migbud permezz ta' telefon cellulari;

6. Illi l-filmat ta' dan l-incident, gie leaked u mxerred u fil-fatt ittella' fuq is-siti socjali bl-isem ta' Youtube u wara anke ttella' fuq Facebook;

7. Illi wara dan l-incident, l-ingagg tar-rikorrenti fi hdan il-Forzi Armati ta' Malta, gie tterminat, fuq passi dixxiplinarji, propju minhabba li l-intimat dehrlu li r-rikorrenti kien wiehed minn dawk il-persuni li b'xi mod kien responsabbli ghat-tixried ta' dan il-filmat fuq l-internet;

8. Illi r-rikorrenti jilmenta illi l-intimat wasal ghal din id-decizjoni biss peress li naqas milli jikkonduci investigazzjoni serja dwar l-akkadut, u dan sabiex jiddetermina minn fil-fatt kien responsabbli ghal dan;

9. Illi fil-fatt l-istess intimat ddecieda illi jittermina l-ingagg tar-rikorrenti allavolja minn imkien ma rrizulta li r-rikorrenti kien responsabbli ghal dan u fil-fatt ma nstabet ebda prova kontra tieghu;

10. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-intimat kienet wahda li tmur kontra d-dispost tal-artikolu 469A.1(ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-intimat naqas milli josserva l-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv, kif ukoll anke fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil;

11. Illi in oltre din id-decizjoni tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kienet wahda diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrenti, u ghalhekk irragonevoli, peress illi ftit tal-jiem wara li l-ingagg tieghu gie itterminat, huwa gie a konjizzjoni tal-fatt, illi kollegi tieghu li wkoll gew meqjusa responsabbli ghal-akkadut, ma kellhomx l-ingagg taghhom itterminat;

12. Illi l-agir irragonevoli tal-intimat favur tar-rikorrenti, irreka danni irreparabbli lir-rikorrenti:

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-intimat li jittermina l-ingagg tar-rikorrenti fi hdan il-Forzi Armati ta' Malta, kienet decizjoni ultra vires li tikser d-dispost tal-artikoli 469A.1 (ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara li ghalhekk l-istess decizjoni hija nulla, invalida u minghajr effett;

iii. Tiddikjara illi konsegwentement l-intimat ikkawza danni lir-rikorrenti;

iv. Tilliwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;

v. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-imghax;

L-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi din l-azzjoni hija milquta bid-dekors tas-sitt (6) xhur, u dan ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ser jigi ppruvat sussegwentement tul dawn il-proceduri. Ir-rikorrent gie infurmat illi l-ingagg tieghu fil-Forzi Armati ta' Malta gie terminat nhar is-17 ta' Marzu 2015 u l-kawza odjerna giet ipprezentata nhar it-22 ta' Settembru 2015 u hija ghaldaqstant milquta bid-dekandanza tas-6 xhur liema perjodu rna huwiex soggett ghas-sospenzjoni jew interuzzjoni permezz ta' att gudizzjarju;

2. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu, l-esponent jeccepixxi illi t-terminazzjoni tal-ingagg u r-relazzjoni ta' mpjieg ma Joshue Agius saret fl-interess tas-servizz u skont id-dettami tar-regolament 45(1)(k) tal-Iegislazzjoni sussidjarja 220.03 li tirregola in-nomini u l-kundizzjonijiet tas-servizz ta' membri tal-Forzi Armati ta' Malta u ghalhekk tali terminazzjoni tal-ingagg kienet wahda legali u fis-setghat tal-intimat li fil-kapacita tieghu ta' Kap Kmandant huwa l-iktar persuna idonea sabiex tikkonstata dak li huwa jew mhuwiex fl-interess tas-servizz;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju, it-tahrig tal-Forzi Armati ta' Malta huwa meqjus bhala aspett ta' difiza protett mill-Att dwar is-Sigrieti Ufficjali, Kap. 50 tal-Ligijiet ta' Malta, u bhala funzjonarju pubbliku r-rikorrent abbuza mill-pozizzjoni tieghu bhala persuna prezenti ghat-tahrig billi gibed filmat minghajr awtorizzazzjoni, zamm dan il-filmat fil-pussess tieghu u sahansitra xerrdu lil terzi. Il-Forzi Armati ta' Malta hija korp dixxiplinat u li kieku l-membri taghha joqghodu jiehdu filmati amatorjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom dan jaghti lok ghal anarkija u libertinagg li zgur mhux kompatibbli man-natura sensittiva ta' xoghol u dixxiplina militari;

4. Illi kuntrarjament ghal dak li jintqal fir-rikors promotur, gie debitament mahtur Bord ta' Inkjesta sabiex proprju jinvestiga l-akkadut u jigu stabbiliti l-fatti. Quddiem il-Bord u fil-prezenza anki ta' ufficjali gholja tal-Forzi Armati ta' Malta r-rikorrent ripetutament ammetta illi kien hu li gibed il-filmat ta' tahrig u li xerred dan il-filmat tramite 'Facebook Messenger' u 'Whatsapp'. Ir-rikorrent kkonferma wkoll illi l-filmat imxerred kien dak migbud minnu;

5. Illi ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-ingagg ta' Agius kienet wahda legalment korretta u sancita mill-Att Dwar il-Forzi Armati ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03 li taghti setgha lill-intimat sabiex jittermina l-ingagg tar-rikorrent fl-interess tas-servizz u dan kif gie mgharraf lir-rikorrent nhar is-17 ta' Marzu 2015. Kif ser jigi muri fil-mori ta' din il-kawza, il-gudizzju tal-Kap Kmandant kien wiehed gust, skont il-ligi u b'osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk l-esponent la agixxa ultra vires u lanqas b'abbuz ta' poter;

6. Illi saru wkoll konsiderazzjonijiet dwar il-komportament in generali u azzjoni dixxiplinari mehuda fil-konfront tar-rikorrent fil-passat;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tas-subinciz (5) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita pubblika ma twassalx ghall-ghoti ta' danni sakemm ma jigix ipruvat sal-grad rikjest mill-ligi illi l-awtorita pubblika agixxiet in mala fede, b'mod irragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment tigi michuda taht kull setgha ohra. Ghaldaqstant talbiet ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni ghandhom jigu michuda;

8. Illi l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni hija wkoll manifestament infondanta stante li kien ir-rikorrent li gibed il-filmat in kwistjoni, kif ukoll ghaIiex il-passi dixxiplinari mehuda fil-konfront tar-rikorrent fil-passat huma unici ghalih u ma japplikawx ghall-kollegi tieghu;

9. Illi l-asserzjoni Ii l-gbid ta' filmati fuq il-lant tax-xoghol permezz ta-mobile personaIi tal-individwi hija wahda gratuwita meta l-Forzi Armati ta' Malta ghandha fi hdanha Sezzjoni specjalizzata u dedikata sabiex tigbed filmat ghal konsum tal-pubbliku u sabiex tikkomunika formalment ma’ mezzi tax-xandir. Filmati li jittellghu fuq siti socjali jew mghoddija lil mezzi tax-xandir huma l-kompetenza ta' din is-Sezzjoni li fost affarijiet ohra tara li dak migbud u komunikat ma jkunx ta' pregudizzju ghall-operat tal-AFM u dan anki ghaIiex gharfien dwar il-mod ta' tahrig jista' jkun uzat minn terzi ghal skopijiet illeciti;

10. Illi kemm prelimarjament u anke fil-mertu, it-talbiet u I-allegazzjonijiet kollha tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda fl-interita taghhom bl-ispejjez kontra l-attur:

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut cioe li l-azzjoni hi perenta a bazi tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

L-attur tkecca mill-armata wara passi dixxiplinari li ttiehdu kontrih mill-ufficjali fl-armata. Hu fetah kawza fit-22 ta’ Settembru 2015 biex jikkontesta din id-decizjoni a bazi tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12, cioe fejn awtorita pubblika naqset li tosserva l-principji ta’ gustizzja naturali.

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-azzjoni innifsha izda ser tillimita ruhha ghall-ewwel pregudizjali cioe jekk il-kawza infithitx entro sitt xhur.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Dottoressa Antoinette Cutajar vs L-Onor. Joseph Muscat et**, (PA 22/02/2017):

> Illi l-eccezzjoni preliminari mertu ta’ din is-sentenza hija wahda perentorja tal-gudizzju u tista’ ghalhekk titqajjem f’kull waqt tal-kawza. Hija tghid li kawza biex twaqqa’ eghmil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-

imsemmi artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew sata' sar jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministattiv;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni taht ezami l-ligi hija cara hafna meta tghid li z-zmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jghodd biss f'kawza ta' stharrig gudizzjarju li ssir biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht xi wahda mill-kawzali mahsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iz-zmien ma jghoddx meta l-kawza tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a);

Illi llum il-gurnata huwa stabilit li z-zmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wiehed ta' dekadenza [Ara fost l-ohrajn, P.A. RCP 2.2.2000 fil-kawza fl-ismijiet **Gerard Zammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP 5.4.2001 (in parte) fil-kawza fl-ismijiet **David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta** (mhix pubblikata); u App. Civ. 31.5.2002 fil-kawza fl-ismijiet **Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et** (Kollez. Vol: LXXXVI.ii.313]. Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrott jew sospiz bhalma jigri fil-kaz ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem iehor, l-atti gudizzjarji li normalment jitqiesu bhala tajbin biex jinterrompu z-zmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-ghemil amministrattiv ma jservu xejn biex izommu l-moghdija tas-sitt xhur li ssemmi l-ligi;

Illi l-ligi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mgarrba minn ghemil amministrattiv issir taf b'dak l-eghmil li jkun. Il-ligi ma tghidx li z-zmien jibda ghaddej minn meta l-parti interessata tircievi taghrif formali jew ufficjali miktub dwar id-decizjoni (Ara P.A. GV 27.6.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Dennis Tanti vs Ministru ghall-Izvilupp Socjali et**): tghid biss li z-zmien ta' sitt xhur jibda jghaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-eghmil, liema data tigi l-ewwel;

Il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti u senjatmaent ix-xiehda stess tal-attur moghtija f'zewg okkazzjonijiet separati jikkonfermaw illi l-attur kien jaf esplicitament bit-tkeccija tieghu fit-18 ta' Marzu 2015. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016 hu jixhed

Jiena fis-17 ta' Marzu t-Tnejn tlajt quddiem il-Brigadier u qalli li tkeccejt mill-Army u l-ghada jiena mort ghax-xoghol xorta ghax is-Surgent ordnali biex nigi ghax-xoghol, u l-ghada rcivejt l-ittra li tkeccejt.

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2017 imbaghad spjega illi meta issejjah quddiem il-brigadier fis-17 ta' Marzu 2017 kien gia mgharraf li kien ser jigi discharged izda dan sar verbalment. Ghalhekk hu jistqarr li ma kienx jaf meta kien ser jitkecca ufficjalment. Mar ghaxx-xoghol l-ghada fil-ghodu fit-18 ta' Marzu 2017 u s-surgent qallu li seta' jmur id-dar. Hu ghalhekk ha l-affarijiet tieghu u inghata d-dokument tad-discharge bl-idejn dak il-hin. Dan id-dokument hu dak markat

JA1 a fol. 141 tal-process. Dan id-dokument juri li d-discharge dahal fis-sehh fit-18 ta' Marzu 2015 ghalkemm ic-certifikat tas-servizz kellu jinhareg wara, soggett ghal clearance certificate kif specifikat fl-istess dokumenti. Il-Qorti tqis illi dan id-dokument hu prova cara illi l-attur gie discharged fit-18 ta' Marzu 2015 ghalkemm gie mgharraf li ser jitkecca fis-17 ta' Marzu 2015 u dan skond l-istess attur. L-attur kwindi kellu sitt xhur mit-18 ta' Marzu 2015 biex jikkontesta tali decizjoni liema perjodu jibda jiddekorri mid-19 ta' Marzu 2015 u jaghlaq fit-18 ta' Settembru 2018 cioe kif jigu kunsidrati termini legali (ara artikolu 101 tal-Kap. 12).

Il-Qorti ma ghandhiex tidhol fix-xiehda tal-ufficjali kollha li xehdu u li ikkonfermaw illi l-brigadier kecca lill-attur effettivament fil-laqgha li sehhet fis-17 ta' Marzu 2015 fejn l-attur gie mgharraf bit-tkeccija. Din ix-xiehda u l-fatti marbuta mal-episodju kienu jassumu rilevanza li kieku l-kawza saret fit-18 ta' Settembru 2015 cioe l-gimgha. Pero f'dan il-kaz il-kawza saret fit-22 ta' Settembru 2015, data li fiha kienu ghaddew sitt xhur u erbat ijiem mit-18 ta' Marzu 2015 jekk ghall-grazzja tal-argument il-Qorti toqghod biss fuq ix-xiehda tal-attur.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konveut li l-kawza saret fuori termine hi gustifikata u qed tigi milqugha.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut li l-azzjoni attrici tressqet wara z-zmien ta' sitt xhur moghti mill-ligi biex jintalab l-istharrig gudizjarju tal-eghmil amministrattiv impunjat u ghalhekk tillibera lil konvenut mill-harsien tal-gudizzju, spejjez ghall-attur.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur